MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 409/2002

**Masco Security Services Limited**

**vs**

**Ceiling Systems Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, seba’ mija u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm4,762.98) rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ apparat elettroniku mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici, kif ukoll ta’ xogholijiet effettwati ghas-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici, dejjem fuq ordni u inkarigu ta’ l-istess socjeta’ konvenuta in forza ta’ ftehim ta’ sub-appalt iffirmat bejn il-partijiet nhar is-26 ta’ Novembru, 1999, u l-bilanc ta’ interessi dovuti;

Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi mis-6 ta’ Frar, 2002, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu, 2002, u tal-mandat kawtelatorju Nru. 974/02, kontra s-socjeta’ konvenuta li rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-8 ta’ Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici  bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.